21 ta’ Settembru 2023
Għall-attenzjoni tiegħek : WHO CA+ (Trattat tal-Pandemija) qed jiġi propost f'194 pajjiż

Onorevoli Membru tal-Parlament Ewropew,

F'Jum l-Indipendenza, aħna qed niktbulek bi tħassib serju dwar id-diskussjonijiet li għaddejjin ma’l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) li pproponiet CA+ (magħruf ukoll bħala Trattat tal-Pandemija) u l-proposti emendi għar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa 2005 (IHR) li qed jheddu t-tneħħija tas-sovranità nazzjonali tagħna u l-imminar tal-Kostituzzjonijiet tal-194 pajjiżi membri tad-WHO

Aħna vvutajnielek bħala r-rappreżentant tagħna fil-Parlament Ewropew u b'din l-ittra, qed nistaqsu x’azzjoni se tieħu biex tipproteġi lil Malta mill-ħatfa ta’poter mhedded mid-WHO?

Missirijietna tħabbtu ħafna biex rebħulna  l-awtonomija mill-indħil barrani u issa se niġu mġiegħla naċċettaw u nobdu istituzzjoni li la tiġi eletta demokratikament u lanqas tista’ tinżamm riponsabbli għal għemilha u hija iffinanzjata minn kontribuzzjonijiet volontarji.Ma tistax tiġi mħarrka jekk tinstab ħatja ta’ mġieba ħażina u mhix libera fil-ħidma tagħha għax tiddependi mill-finanzjaturi tagħha.

Il-WHO hija influwenzata ħafna mill-World Economic Forum(WEF)u tirċievi ħafna fondi mill-Industrija Farmaċewtika bħal Bill and Melinda Gates Foundation u l- Gavi Alliance.Dawn huma kumpaniji globali li għandhom interessi geo-politiċi u finanzjarji enormi li ma jaqblux ma’ l-interessi ta’ pajjiżna u l-ġieħ tan-Nazzjon tagħna. Il-WHO m’huwiex dedikat għat-tagħrif xjentifiku u għall-ġid tal-pubbliku imma għall-interessi ta’ ċerti individwi privati.

Għalkemm mhix membru tal-WHO, L-UE hija t-tieni l-akbar finanzjatur ta’ din l-organizzazzjoni. Hija tagħti istruzzjonijiet lis-27 pajjiż ,stati membri tad-WHO, dwar kif għandhom jivvutaw u x’għandhom jappoġġjaw. Din ir-rabta tal-UE mal-WHO tfisser li int titqies potenzjalment kompliċi fil-ħtif ta’-poter tad-WHO u ta’l-imminar tal-Kostituzzjoni u s-Sovranità tagħna.

Fil-laqgħa tal-75 Assemblea Dinjija tas-Saħħa f'Mejju 2022, il-perjodu li fih stat membru jista’jirrifjuta emendi futuri, tnaqqas minn 18 għal 10 xhur u ż-żmien totali ta’meta dawn l-emendi kienu se jidħlu fis-seħħ naqas bin-nofs minn 24 għal 12 il- xahar. Din ir-restrizzjoni se tfixkel ħafna l-proċess normali demokratiku li bih gruppi ta' lobbying  iqajmu kuxjenza u japplikaw pressjoni politika u għalhekk hekk se jiżdied iċ-ċans li jgħaddu emendi perikolużi u mhux mixtieqa  wara dahar il-pubbliku u l-politiċi sakemm ikun tard wisq.

Il-Parlament Ewropew ta struzzjonijiet lill-membri kollha biex jappoġġjaw l-adozzjoni ta’ dawn l-emendi u kompla jappoġġja il-ħatfa ta’ poter tal-WHO.

Fit-12 ta’ Settembru 2023, int irċevejt b’email kopja tal-ittra mibgħuta lill-Membri kollha tal-Parlament f’Malta,biex tiġbed l-attenzjoni  lejn l-obbligu tagħhom li jagixxu fl-aħjar interess tal-poplu Malti.

Id-diskussjonijiet li għaddejjin dwar it-300+ emenda proposti mill-IHR , it-Trattat Pandemiku ġdid li qed jiġi propost ukoll u l-appoġġ kbir tal-UE liż-żewġ kwistjonijiet sabiex jinkiseb ftehim huwa profondament inkwetanti.

L-adozzjoni tal-emendi (jew jekk ma jiġux miċħuda) u r-ratifika tat-trattat tal-Pandemija jirriżultaw f'bidla sostanzjali u permanenti fil-governanza globali tas-saħħa pubblika, se dgħajfu u anke jneħħu s-sovranità nazzjonali f'emerġenza tas-saħħa (ppjanata jew sempliċement perċepita) u s-Sovranità tingħata lil-WHO (u potenzjalment lill-isponsors u finanzjaturi tagħha)

Aktar emendi li jheddu l-libertà tal-kelma u jfittxu li jżidu ċ-ċensura ta' opinjonijiet differenti billi jordnaw kollaborazzjoni globali sistematika biex jiġġieldu d-dissens lejn uffiċjali governattivi jew lejn il-WHO ,se jbiddlu n-nazzjon tagħna fi stat totalitarju.

Ma nistgħux inħallu istituzzjoni li mhix eletta mill-poplu, tiddikjara emerġenza bbażata fuq sempliċi suspett ta' riskju potenzjali li thedded s-saħħa u l-libertajiet tagħna.

Nerġgħu intennu, li l-WHO mhix organizzazzjoni eletta demokratikament u dawk li jieħdu deċiżjonijiet mhumiex responsabbli għalihom u għalhekk ma jistgħux jinżammu ħatja. F'demokrazija, dawk li jfasslu l-politika għandhom jiġu elett demokratikament u jinżammu responsabbli għal għemilhom. Għalhekk M'AĦNIEX nirrikonoxxu lilhom u kwalunkwe ftehim iffirmat minn qabel mad-WHO mingħajr il-kunsens infurmat tal-poplu.

Huwa possibbli li matul il-pandemija preċedenti kont beżgħan, possibilment imqarraq, potenzjalment ma tafx jew forsi m'għaraftx is-serjeta tal-azzjonijiet tiegħek bħala MEP.

Jekk tagħti istruzzjonijiet għar-ratifika ta' dan it-Trattat ta' Pandemija jew jekk ma tagħmel xejn u tħalli l-emendi għar-Regolamenti jseħħu minħabba n-nuqqas ta' azzjoni tiegħek, dawn il-miżuri ma jibqgħux linji gwida iżda se jsiru liġijiet. B'differenza mid-WHO, ma tistax tiċħad in-nuqqas ta' negliġenza intenzjonata tiegħek u l-imġieba ħażina fil-ksur deliberat tal-Kostituzzjoni ta' Malta u nuqqas tiegħek li sservi l-poplu ta' Malta.  Għalhekk nitolbuk twettaq  dak li hu Sewwa għall-Ġid tan-Nazzjon tagħna.

Min jibqa' sieket huwa kompliċi. Int ser tiġi ġġudikat għall-azzjonijiet tiegħek (jew għaliex inqast) f'Ġunju 2024.

Nitolbu tweġiba sat-28 ta' Settembru 2023 u wara se nippubblikaw din l-ittra u ninfurmaw lill-pubbliku li inti mgħarraf sew bit--theddida li se tjassar lill- Malta u lill-poplu tagħha.

Iffirmata minn Maltin Imħassba u Residenti Espatrijati